# L-ISTAMPA F'MALTA

## IL-HIDMA FL-ISTAMPERIJA TA' L-ORDNI

*Ta'* Ġużè' Gatt

*(Jissokta man-Numru ta' Diċembru, faċċata 109)*

MATUL din il-kitba tagħna, rajna lil kemm-il Gran Mastru jitħabat u jħabrek biex jara jirnexxilux idaħħal l-Istampa f'Malta. B'danakollu, ħadd ma għandu għax jaħseb li dil-ħidma saret bil-fehma ħalli l-Ordni jkollu xi qligħ ta' flus minnha. Le; xejn minn dan kollu. Iżda l-waħdieni skop tiegħu kien, li, barra milli jidher bħas-Slaten ta' artijiet oħra, jagħni wkoll lil Gżiritna b'sengħa sabiħa, fil-waqt li tista' taqdi lill-Ħakma tiegħu u linnies ta' taħtu.

Il-Gran Mastru Pintu kien hekk ferħan bil-kisba li għamel, li kellu seba' mitt sena biex ifittex jaraha taħdem. Fuq hekk, ix-xogħol inbeda fl-Istamperija meta din kienet għadha ma ġietx imgħammra b'dawk il-għamliet kollha ta' tipi meħtieġa, billi dawn ma laħqux intbagħtu minn Ruma għajr wara xi żmien talftuħ tagħha. Terġa' ġew iżjed wara, għax waslu hawn f'Mejju ta' l-1757 (1).

Konna għidna, li bħala l-ewwel Suprintendent ta' l-Istamperija safa' maħtur Fra Bernard Arniaud. Iżda dan ma saddadx wisq fl-imsemmi impieg, għax fl-1 ta' Diċembru, 1756, telaq minħabba saħħtu, billi kien imdaħħal fiż-żmien u marid (2). Floku laħaq il-qassis ta' l-Ordni, Fra Ġanpatist Alessandri, Malti ieħor (3).

Ix-xogħol li ħareġ minn din l-Istamperija, għal dik li hija reqqa, indafa u sbuħija, iħabbatha ma' l-aqwa ħidma li qed issir il-lum. U dan jixhduh dawk il-ħafna kotba tagħha li waslu qawwijin u sħaħ sa fi żmienna.

Dawk id-disinji li naraw fil-frontispizju, fil-bidu u fl-aħħar tal-kapitli, kif ukoll fit-tmiem ta' dawn il-kotba, huma mnaqqxin fl-injam, fuq tpinġija li saret minn wieħed żagħżugħ Malti, il-

---

1. Mss. Bibl. 12, paġ. 197.
2. Fit-3 ta' Jannar, 1761, ħareġ il-Vjatku għalih minn San Ġwann, billi kien wieħed mill-Qassisin Konventwali, u għalhekk jaqdi fil-Knisja li semmejna (Mss. Bibl. 13, paġ. 478). Iżda meta miet, ma sibniex.
3. Mss. Bibl. 12, paġ. 112.

pittur Pace. Minnhom inħadmu 36 għamla. Nefqu fihom 3 skudi (4).

Biex jitqiesu x-xogħlijiet li jsiru fl-Istamperija, ħalli jaraw wieħed x'kellu jħallas tagħhom, kienu jagħmlu l-kont billi fih isemmu kemm tiswa l-kompożizzjoni, il-ġbid fit-torkju, il-għamla tal-karta, il-ħela fit-tipi, linka u ħwejjeġ żgħar oħra, barra milli wkoll, ta' kull darba, iżidu jniżżlu dik ix-xi ħaġa żgħira ta' l-imgħax li tistħoqq fuq il-flus kollha li ħarġu u ntefqu biex inxtrat l-Istamperija.

Għalkemm dawk li jaħdmu fiha ma kinux għajr tlieta biss (5), dina ma ħalliet xejn qligħ fl-ewwel sena u nofs tal-ħajja tagħha. Terġa', mhux talli ma fdietx mix-xogħol li għamlet, imma minn fuq kellha telf ġmielu.

Tabilħaqq, għall-bidu kellhom jaħsbu biex jixtru għadd sewwa ta' karta, tipi u ħwejjeġ oħra ta' ħtieġa għaliha, u għalhekk ma setax jonqos li n-nefqa ma tagħlebx id-dħul. Iżda wkoll wara, meta ġiet imgħammra b'kollox, ma kien hemm, tista' tgħid, ebda sena li baqa' xi qligħ minnha.

Madankollu, il-ħtija tat-telf ma kinux biss il-ħwejjeġ li semmejna. Lanqas meta, maż-żmien, qabbdu impjegati oħra ma' li kien hemm. Tassew li ħadd ma jista' jiċħad, li dawn ma kinux ukoll bħala żieda ta' toqol ma' l-infiq l-ieħor, imma l-qofol tal-ħtja ta' kollox kienet ħaġ'oħra.

Bħalma għidna, l-Ordni ma kienx iħares lejn l-Istamperija bħala ħaġa li għandha tħallilu l-qligħ; iżda, wieħed mill-ħsibijiet tiegħu kien dejjem li jgħin lill-kittieba. U biex jagħmlilhom il-qalb, saħansitra wasal li daħal sħab magħhom fil-kotba tagħhom, bla ma dawn joħorġu ebda ħabba ta' l-istampa, billi għan-nefqa ta' kollox jidħol għaliha waħdu biss. Terġa', dan sar ma' kull min ried hekk; kemm jekk dawn fqar u kemm jekk jistgħu.

Fost dawk li marru tajjeb bid-dħul ta' l-Istampa f'Malta, insibu, minn ta' l-ewwel, lill-Patrijiet tal-Kappuċċini. Bħala nies li huma fqar ħafna, l-Ordni għenhom dejjem kull fejn u meta seta'.

4. Ark. ta' l-Ord. vol. 2039.

5. Fid-IX Taqsima ta' dina l-kitba tagħna, ħareġ għelt ta' l-istampa, billi tħalla barra t-Turkulier, Ġużè d'Angelo, li kellu 20 skud fix-xahar.

Malli twaqqfet l-Istamperija u bdiet taħdem, il-Patrijiet li semmejna għamlu talba lill-Gran Mastru. Fiha stqarrew li xtaqu kieku li jistampaw l-"Ordo" tagħhom; iżda, billi huma fqar, ma kellhomx biex iħallsu tiegħu.

Pintu malajr għadirhom u ħenn għalihom, billi amar, f'Novembru ta' l-1756, biex jistampawhulhom b'xejn (6).

L-ewwel "Ordo" tagħhom li ġie mitbugħ hawn Malta bla flus, kien dak li kellu jaqdihom għas-sena ta' l-1757. Għamlulhom 53 wieħed minnhom. Ma ħallsux għajr skud u 8 rbajja' tal-karta biss (7). L-istampar ta' l-"Ordo" għall-Patrijiet tal-Kappuċċini, baqa' jsir ta' kull sena b'xejn. Ħlief tal-karta ma kinux joħorġu flus.

Xi drabi min jistampa xi ħaġa, ma kienx iħallas kollox, billi tinħafirlu xi ftit min-nefqa tagħha wkoll. F'kelma waħda, min ma riedx hu ma kitebx u nqeda bl-Istamperija ta' l-Ordni. Għax min-naħa tal-Gvern, mhux talli ma jiltaqa' ma' ebda tfixkil, imma, minn fuq, kien isib kull għajnuna li wieħed seta' jitlob u jixtieq. Biss, dak li jkun, aktarx li jħallas tal-karta dejjem, meta l-Ordni ma jkunx imdaħħal sħab fil-ħaġa stampata.

Barra l-istampar b'xejn li semmejna, l-Istamperija ġie li ndaħlet taħdem xi ħwejjeġ għaliha wkoll, biex tieħu ħsieb tbigħhom hi. Ma għandniex x'ingħidu, x'uħud minn dawn kienu jimxu, waqt li oħrajn iddum iġġebbed u tkarkar bihom is-snin il-kbar. Fuq hekk, maż-żmien, kellha tikri dar żgħira, bi ħlas ta' 20 skud fis-sena, biex tista' żżomm dak li jibqgħalha.

Terġa', il-Gvern, għall-ħtieġa tiegħu, inqeda bl-Istamperija b'xejn, kif ukoll il-Bolla Kruċjata tinħadem bla ħlas.

Minn din ta' l-aħħar kellhom biċċa xogħol ġmielha ta' kull sena, għax kienu jagħmlu l-eluf, billi ġie li waslu biex jistampaw 'il fuq minn 40,000 waħda.

Dawn il-ħwejjeġ li semmejna kienu l-biċċa l-kbira tal-ħtija ewlenija li, ta' kull darba, l-Istamperija tmur minn taħt. Iżda, għat-telf, tagħmel tajjeb il-Bolla Kruċjata, billi, bħalma għidna band'oħra, dawn iż-żewġ Dipartimenti kienu ħaġa waħda t-tnejn.

Ma' l-Istamperija ma kien hemm ebda Legatorija, bħalma ntqal minn xi kittieba. Iżda, kif insibu mill-kotba tagħha, meta

6. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2067, u Mss. Bibl. 12, paġ. 106.
7. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2038.

riedu jillegaw xi ħaġa, dejjem ħallsu għaliha lil xi ħadd barrani.
Dak il-legatur, li kienu jinqdew bih hawn Malta, sibna li jismu Ginabri.

Meta jillegaw xi kotba milli jagħmlu, biex jagħtuhom lill-Gran Mastru, il-flus għalihom toħroġhom l-Istamperija wkoll.

Kemm il-Bolla Kruċjata u kemm l-Istamperija, meta ħtieġu xi inċiżjoni, kienu jinqdew b'wieħed imgħallem Ġenoviż, igħammar f'Malta, jismu Ġanni Lapignani (8). Wara xi żmien, fl-1765, insibu inċiżur ieħor, bl-isem ta' Nikola biss. Iżda, meta riedu inċiżjonijiet kbar, aktarx bagħtuhom biex isiru barra.

Malli l-istamperija qagħdet sewwa u x-xogħol beda jiżdied, fi dħul is-sena ta' l-1758, qabbdu ieħor għall-għajnuna, jismu Fedrek Vella. Il-ħidma tiegħu kienet bħala t-tieni Turkulier.

Sabiex jitħarreġ jitgħallem, għall-ewwel qabbduh jaħdem fit-Torkju ż-żgħir, billi jistampa poloz tal-Monti, tikketti tal-fliexken u ħwejjeġ oħra żgħar tal-għamla li semmejna.

Lil Vella bdew iħaddmuh bit-3 rbajja' kull jum, meta tinqala' xi ħaġa li ma setgħux ilaħħqu magħha. L-ewwel ħlas li messu ta' xi xogħol li għamel, kien fil-31 ta' Marzu, 1758. F'Settembru daħal għal kollox fl-Istamperija. Iżda beda jitħallas tal-jiem tax-xogħol biss ta' ma' tul ix-xahar (9).

Għall-ewwel, il-ħlas tiegħu tniżżel man-nefqa li ssir għall-Istamperija; iżda, mill-1759, beda jinġieb mat-tliet impjegati l-oħra.

Fit-30 ta' Diċembru, 1760, siefer it-Turkulier Ġużè d'Angelo (10). Għalfejn telaq u kemm dam barra ma sibniex. Biss nafu li l-ħlas tiegħu baqa' jieħdu xorta waħda bħal qabel.

Fl-1 ta' Ġunju, 1763, daħal Kompożitur ieħor ġdid fl-Istamperija—il-Qassis ta' l-Ordni, Fra Ġwann Mallia, Malti. Lil dan tawh żewġ skudi u nofs fix-xahar, li jaħbtu mar-rbiegħi kuljum.

Mad-dħul ta' Mallia, lil Vella bdew iħallsuh ukoll bix-xahar, bis-7 skudi u sitta rbajja'. U billi l-ħidma fl-Istamperija ssuktat tiżdied, fl-aħħar xhur tas-sena li semmejna, qabbdu Turkulier ieħor, li wara sibna li kien jismu Marċell Grech.

---

8. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2038.
9. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2039.
10. Mss. Bibl. 13, paġ. 699.

Minn kif nistgħu naqbdu mill-kotba ta' l-Istamperija, Ġużè d'Angelo, wara li ġie minn barra u reġa' beda jaħdem ta' Turkulier, miet ħabta ta' egħluq is-sena ta' l-1764. Għax, mill-bidu ta' l-1756 'il quddiem ma nsibuhx imniżżel aktar ma' l-impjegati l-oħra, fl-imsemmija kotba. Biss f'dawn hemm digriet tal-Gran Mastru, fejn jagħti lill-mara tiegħu, Alojsja, 16-il skud u 3 rbajja', ta' 6 xhur u 15-il jum, li bdew mill-1 ta' April u spiċċaw fil-15 ta' Ottubru, 1764, li jiġu biż-żewġ skudi u nofs fix-xahar (11).

Wara l-mewt ta' d'Angelo, floku laħaq Vella, bħala l-ewwel Turkulier, b'10 skudi fix-xahar. Madankollu, barra lil Capaci, żiedu wkoll lil Mallia u lil Grech, billi għamlulhom 6 skudi u 3 rbajja' kull wieħed. Qabel, Mallia kien żdied f'Marzu, 1764, billi tawh 5 skudi. Terġa', lil Marċell Grech, it-Turkulier il-ġdid, għamlulu 7 skudi u nofs fix-xahar, flok il-ħamsa li kellu qabel.

Meta jidħol xi xogħol u ma jistgħux ilaħħqu miegħu, it-Turkulieri kienu jaħdmu wara l-ħin bil-ħlas, barra mili jqabbdu xi nies oħra għall-għajnuna. Lil dawn aktarx li kienu jħaddmuhom fit-Torkju ż-żgħir tal-pjanċi, bit-3 rbajja' kuljum.

Issa, wara li tajna ħjiel sewwa dwar il-ħaddiema ta' l-Istamperija, fl-ewwel snin tal-ħajja tagħha, ngħaddu biex nissoktaw nitħaddtu fuq ix-xogħol li kien isir fiha.

Biex wieħed jistampa xi ħaġa, barra dawk il-ħwejjeġ żgħar li semmejna meta tkellimna dwar iċ-Ċensura, qabel ried jibgħat talba lill-Gran Mastru, flimkien ma' dik il-kitba li jixtieq jistampawlu. U waqt li fiha jgħidlu x'inhi dil-kitba, jitolbu biex jagħti s-setgħa lill-Istampatur tiegħu ħalli jaħdimhielu.

Il-Gran Mastru jitlaqha f'idejn l-Awdituri, biex jaraw u jaqtgħu huma jekk il-kitba hix tajba għall-istampa inkella le; imbagħad igħarrfuh bil-fehma tagħhom dwarha. Meta togħġobhom jagħtu d-digriet tagħhom bil-latin (12), billi, fil-warrani tat-talba ta' dak li jkun, jiktbu l-kelma "Fiat", fil-waqt li jniżżlu isimhom flimkien mal-jum u s-sena li għaddewha. Wara tmur, bħalma għidna band'oħra, għand iċ-Ċensuri. U fl-aħħar tispiċċa f'idejn l-Istampatur.

---

11. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2046.

12. L-ilsien uffiċjali ta' l-Ordni f'Malta kien il-latin, għalkemm kien jinqeda b'ilsna oħra wkoll.

L-Awdituri li semmejna, li kienu minn tlieta sa erbgħa, jinħatru dejjem mill-Gran Mastri, biex jieħdu l-fehma tagħhom f'kollox. U billi xi drabi dawn kienu jħawru l-borma kif jaqbel lilhom, xi daqqiet kien jeħel l-Ordni man-nies, dwar it-tregija u t-tmexxija tiegħu fi Gżiritna.

Fit-talbiet li saru minn dawk li riedu xi ħaġa u dawn ġew milqugħa għall-istampa — talbiet li saru mill-1757 sa l-1772 —insibu mniżżlin dejjem fihom ismijiet ta' Awdituri Maltin, bħal J. F. Grech, S. Belli, D. C. Farrugia u F. D. M. Gatt (13).

F'dawn it-talbiet li semmejna, wieħed jiltaqa' ma' kull għamla ta' xogħlijiet, barra minn fejn tidħol il-pulitka, ħwejjeġ mhux xierqa u ndaħil fis-setgħat ta' l-Ordni. Mill-bqija nsibu sunetti b'tifħir lil dak u lill-ieħor, inni ta' qaddisin, talb, opri teatrali, proċessi dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' Kavalieri u Lingwi ta' bejniethom, tagħrif dwar kawżi, ukoll kontra t-Teżor ta' l-Ordni, almanakki, diskussjonijiet u tesi filosofiċi u teoloġiċi, serenati, mediċini, letteratura, stejjer ta' Malta u xi ġrajjiet oħra żgħar li saru f'dak iż-żmien, riċetti ta' duwa magħmula minn nies ċarlatani u xi ħwejjeġ oħra tax-xeħta li hawn fuq semmejna.

Ma għandniex x'ingħidu, dawk li huma kotba żgħar isiru fi ftit żmien; iżda l-kbar kienu jiġbdu fit-tul wisq, billi ġie li ħadu s-snin biex thejjew minn kollox. Għax l-Istamperija riedet ukoll tlaħħaq ma' ħafna xogħlijiet oħra li kellhom joħorġu ta' kull sena f'waqthom, f'ħinhom u fi żmienhom, u għalhekk ma setgħux jitħallew għal darb'oħra.

Fost dawk li ħadu bosta żmien biex thejjew, insibu l-"Biblioteca Maltese" ta' Mifsud—ktieb ta' XXIV u 437 paġni kbar. Bdew jistampawh fil-11 ta' Frar, 1764 (14); iżda qabel l-1767 ma rax id-dawl.

Dal-ktieb lil Mifsud swielu 504 skudi, 4 rbajja' u ħabbtejn. Għall-ewwel ħallas ma' dwar nofshom, u l-bqija fl-1768, f'darbtejn.

Dana Mifsud kien miġbud wisq għall-kotba. Fuq hekk ried li x'uħud mill-frontispizji tal-"Biblioteca Maltese" jagħmluhomlu ħomor, flok suwed. Tagħhom ħallas 26 ħabba. Terġa', dik li kel-

13. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2067.

14. Mss. Bibl. 14, paġ. 245.

lu jżomm għalih, riedha fuq karta aħjar mill-bqija, billi ħallas 3 rbajja' u 10 ħabbiet oħra barranin tagħha.

Minn dan li għidna naraw, kemm l-Ordni kien igħin lil dak li jkun, billi jagħtih ukoll in-nifs biex iħallas tax-xogħol li jsirlu, meta din in-nefqa tinzerta xi ftit kbira. Mhux biss. Imma, bħalma għidna iżjed lura, biex l-Ordni jissokta jagħmel aktar qalb lill-kittieba, xi drabi kien jieħu x-xogħol tagħhom f'idejh, jistampahulhom b'xejn, barra milli wara jagħtihom xi qligħ minnu, bħalma se nuru.

Fil-vol. 2067 ta' l-Arkivju ta' l-Ordni nsibu tagħrifa. Din tgħid li l-Qassis ta' l-Ordni, Fra Ġanpatist Alessandri, Kappillan Konventwali tal-Knisja ta' San Ġwann bħala Intendent u Amministratur ta' l-Istamperija Maġistrali (tal-Gran Mastru), u l-Konti Ġalanton Ciantar ftiehmu, b'kitba li għamlu bejniethom, biex Alessandri jistampa b'xejn lil Ciantar ktieb dwar il-Ħajja tal-Madonna "in lungo Poema, diviso in nove Canti in verso Toscano". U millinqas kellhom isiru 1500 wieħed. Mill-flus li jidħlu mill-bejgħ tiegħu, Ciantar jieħu, minn kull ħamsa, tnejn, u t-tlieta l-oħra jibqgħu għall-Gvern.

Dal-ktieb laħħaq XIX u 403 paġni in 8vo. Kemm dam jinħadem, jew x'sewa lill-Ordni, ma sibniex, billi n-nefqa tiegħu lanqas ma hi mniżżla fil-kotba ta' l-Istamperija. Biss, mill-bejgħ nieħdu li dil-"Ħajja tal-Madonna" kienet tqum skud il-waħda.

Mela, dawk li ħasbu u qalu li fi żmien l-Ordni ma stampawx kotba kbar, minħabba li għal dawn wieħed ried ħafna flus, sejrin imqarrqa qatigħ. Għax, bħalma rajna, l-Ordni kien jidħol għalihom hu, bla ma jqis x'sa jonfoq fihom xejn. Għalhekk ikollna ngħidu li l-waħdanija ħtija li n-nies ma għamlitx kotba kbar kienet in-nuqqas ta' qarrejja u xerrejja. Ara kemm. Mill-kotba ta' l-Istamperija nieħdu li l-"Ħajja tal-Madonna" ma mxiet xejn, għax waħdiet biss insibu mniżżla li kienu jinbiegħu ma' tul is-sena.

Jissokta jwettaq dan li hawn fuq għidna, il-ktieb "Biblioteca Maltese" ta' Mifsud, li iżjed lura semmejna. Dan kien bi-ħsiebu li wara l-Ewwel Parti jistampa t-Tieni wkoll; iżda meta ra li din baqgħet u ma nbigħetx, qata' qalbu u ma ħareġ xejn.

Iżjed. Biex nissuktaw nuru aktar kemm tassew kien hawn nuqqas ta' qarrejja f'dawk iż-żminijiet, irridu nsemmu wkoll id-"Descrizione di Malta" tal-Kmandatur Ġanfranġisk Abela.

F'band'oħra għidna li din kienet stampata fl-1647. B'danakollu, sa aktar minn mitt sena wara, ma nbigħetx kollha. Għax, fil-vol. 680 ta' l-Arkivju ta' l-Ordni, insibu li sal-31 ta' Ottubru, 1753, kien għad fadal 5 kotba minnha għall-bejgħ.

Fost dawk il-ħwejjeġ li kienu joħorġu ta' kull sena, insibu l-"Bolla Kruċjata", li minnha jagħmlu l-eluf il-kbar; l-"Ordo" tad-Dijoċesi, dak tal-Kappuċċini u l-ieħor għall-Qassisin ta' l-Ordni; l-"Almanakk" mill-Qassis Konventwali Fra Ġużepp Reitano, li kien jidher f'għadd sewwa ta' kull darba; u s-"Serenati" li kienu jsiru fil-Misraħ ta' quddiem il-Palazz.

Reitano dam joħroġ l-Almanakk tiegħu sa l-1777. Meta dan telqu, jew għax miet, ma nafux, ħadu f'idejh wieħed jismu Ċensu Marra. Iżda minn dak ta' l-1781, ma baqax jissemma aktar għal min kien isir.

Is-"Serenati" kien jieħu ħsieb għall-istampa tagħhom il-Kaptan tal-Belt, il-Kmandatur Fra Bernardino de Marboeuf. Baqa' sa l-1772. Warajh indaħal il-Kmandatur Fra Ġwann Duminik Bosurgi, li laħaq Kaptan tal-Belt flok De Marboeuf. Iżda mill-1776, bdew isiru għall-"Capitano della Città", bla ma jissemma dan min kien.

Dawn is-"Serenati" kienu jgħidulhom ukoll "Cantati di Maggio", għalkemm ġie li saru kemm-il darba fit-30 ta' April. L-aħħar waħda li saret aktarx kienet dik ta' l-1778, għax wara dis-sena, ma jissemmewx iżjed, fil-kotba ta' l-Istamperija, li stampaw minnhom xi darb'oħra (15).

L-Innu lil Sant'Anġlu, li għamel żmien jidher ta' kull sena, xi drabi sar mill-Konti Ciantar, waqt li drabijiet oħra minn xi ħadd minn tal-Fratellanza ta' l-imsemmi qaddis.

Terġa', ftit kienu dawk is-snin li ma stampawx xi opra teatrali jew aktar, flimkien ma' xi "Prologi". Dawn ta' l-aħħar kienu jsiru fit-Teatru, bħala opra żgħira u għalihom, f'kull 18 ta' Jannar, b'tifħira lill-Gran Mastru Pintu biex ifakkru egħluq sninu fis-Saltna ta' Malta.

Kemm l-operetti u kemm il-"Prologi", aktarx li jkunu dejjem bil-mużika, bħal tal-lum. Fil-kotba ta' l-Istamperija wieħed isib l-ismijiet ta' dawk l-Impreżarji li jordnawhom.

---

15. Il-Prof. V. Laurenza kiteb ħafna dwar dawn is-"Serenati" fl-Archivum Melitense", vol. II, paġ. 187-203. Iżda dan ma jasalx isemmi għajr sa dik li saret fl-1777.

Il-biċċa l-kbira ta' dawn huma taljani, waqt li ftit, wisq ftit, insibu Maltin. Fost dawn ta' l-aħħar hemm waħda mara—Natala Farrugia. Għallinqas hekk jidher minn kunjomha.

L-Impreżarji ta' dari mhux kollha kienu bħal dawk li, tista' tgħid, kellna ma' tul il-ħakma Ingliża f'Malta. Għax, sa qabel l-aħħar gwerra, bħalma ħafna għadhom jiftakru, it-Teatru kien jieħdu aktarx xi wieħed Malti f'idejh; imbagħad jaħseb hu jġib minn barra Kumpannija ta' l-Artisti, akkont tiegħu, biex jaħdmu fih. Iżda, fi żmien l-Ordni, ma kienx isir dejjem hekk, billi dari, wara li xi Kumpannija tibgħat talba lill-Gran Mastru, u minn għandu taqla' li tista' tiġi f'Malta, bosta drabi tieħu t-Teatru f'idejha u taħdem għal rasha fih hi, bla ebda ndaħil minn nies barranin. Biss, ingħidu aħna, id-Direttur tagħha kien jagħmilha bħala Impreżarju. Għalhekk il-kuntratt isir bejn il-Gvern u dawk in-nies li jidhru għall-Kumpannija.

Din it-tifsira li tajna turi sewwa l-għala taħt l-Ordni nsibu li bosta drabi l-Impreżarji nzertaw li kienu barranin.

L-opri tat-Teatru, fiż-żmien li qed insemmu, setgħu jsiru mill-Għid sa l-aħħar jum tal-Karnival. Fir-Randan ma jagħmlux għajr xi ħaġa reliġjuża.

Fost in-nies magħrufa minna l-Maltin li ħarġu xi xogħlijiet mill-Istamperija ta' l-Ordni, ma' dawk li semmejna, insibu oħrajn. Bħallikieku Dr. Ġovann Nikol Muscat u Ġejtu Bruno, li wara xi żmien laħqu Awdituri tal-Gran Mastru; lil Ximenes u Hompesch, li telgħu jsaltnu fuq Malta; lil Dun Mikiel Anġ Scerri, meta kien għadu Alunn fis-Seminarju ta' l-Imdina; lil Fra Albino Menville, Malti, li 'l quddiem sar Gran Pirjol ta' San Ġwann u kien l-aħħar wieħed; lill-Kirurgu Mikiel Anġ Grima u t-tobba Locano u Ġużè Demarco, għall-kotba fuq il-mediċina; u lil Mikiel Anton Vassalli, li stampa Avviż biex igħarraf bil-ħruġ, minn Ruma, tal-magħruf Dizzjunarju tiegħu.

Nerġgħu għall-impjegati.

Fl-1767, spiċċa Fra Franġisk Grech, li kien wieħed mill-ewlenin li tqabbdu jaħdmu fl-Istamperija mat-twaqqif tagħha hawn. Floku laħaq il-kompożitur Mallia, billi tawh 7 skudi fix-xahar. Ukoll lil Marċell Grech għamlulu 8 skudi. Billi Mallia qabad issengħa ta' l-Istamperija sewwa, u wera li 'l quddiem għad jinqala' aktar fiha, il-Gran Mastru tefa' għajnejh fuqu. Għalhekk, biex jieħu ħsieb tiegħu, ordna li jixtrulu Grammatika tal-Franċiż, li swiet 6 rbajja'. U biex igħallmu dana l-ilsien, b'surmast qab

bdu lil Dun Ġużepp Banda. Lil dana tawh 12-il skud, 6 rbajja' u 6 ħabbiet fis-sena. Kollox mill-flus ta' l-Istamperija. Dam jeħodhom ma' dwar tliet snin.

Fl-1 ta' Settembru, 1769, daħal wieħed ġdid, jismu Nastas di Candia. U billi fejn kienu jaħdmu kellhom bżonn ta' dawl iktar, ħalli jaraw aħjar, fetħu żewġ twieqi ġodda, waħda kull naħa, kif hekk għadhom jidhru sal-lum, f'dak il-post (kamra) li fih twaqqfet għall-ewwel darba f'Malta l-Istamperija ta' l-Ordni.

Fis-sena li semmejna (1769), bdew jaħsbu għall-istampar tal-"Malta Illustrata" tal-Konti Ciantar. Għalhekk għamlu avviż biex iħabbru l-ħruġ tagħha.

Biex ikunu jistgħu jlaħħqu għal din il-biċċa xogħol kbira li kellhom jidħlu għaliha, l-Ordni ħa ħsieb jagħmel Torkju ġdid hawn Malta, għand l-imgħallem brunżar Toni Fugard. Ix-xogħol ta' l-injam tiegħu sar mill-imgħallem Ġużè Succhett. B'kollox sewa 565 skud u 10 ħabbiet (16).

Minn dan li sa ngħidu jidher sewwa li l-ktieb "Malta Illustrata" tal-Konti Ġalanton Ciantar, beda jinħadem fl-1770. Għax fil-kotba ta' l-Istamperija hemm imniżżla żieda ta' nies li għamlu xi xogħol fiha. Bħallikieku nsibu lil Dun Saver Pace u Nikol Cutajar, li daħlu ġodda, lil Feliċ Gatt, is-suldat Ġużè Said, l-irsir imgħammed Ċikku di Tommaso u Pawlu Calleja, li, min ftit u min wisq, kollha għamlu xi żmien jaħdmu ma' tul is-sena li semmejna. U dan barra milli reġgħu żiedu fil-ħlas lill-impjegati tagħha. Fuq hekk, bejn salarju tan-nies u nfiq ieħor, insibu li fl-1770, l-Istamperija ħarġet 1137 skud, 3 rbajja' u ħabba, barra milli wkoll xtrat karta b'1510 skudi, rbigħi u 4 ħabbiet. Daħħlet mix-xogħol tagħha 663 skud, rbigħi u tliet ħabbiet. Fost dawk li bdew jieħdu ħlas ġdid, jidher il-Qassis Konventwali Fra Ġanpatist Alessandri, bħala Suprintendent ta' l-Istamperija. Ħa 140 skud u 10 rbajja', ta' sentejn u xahrejn, li bdew mill-1 ta' Novembru, 1768, sal-31 ta' Diċembru, 1770. Tawhomlu bir-rieda tal-Gran Mastru, għall-għajnuna tiegħu mogħtija fit-treġija ta' l-Istamperija. Wara baqgħu jagħtuh 5 skudi u 5 rbajja' fix-xahar.

Jekk in-nefqa fis-sena li semmejna telgħet ġmielha, f'ta' warajha kienet mhux ħażin. Għax barra milli reġgħu żdiedu fil-għadd in-nies fl-Istamperija, bdew jagħtuhom ħlas ogħla milli

16. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2050.

kellhom qabel. Min ħa skud żieda, min tnejn u min aktar fix-xahar. Fuq hekk il-ħruġ kien ta' 1879 skud, irbiġħi u 13-il ħabba, waqt li d-dħul kien biss ta' 656 skud, 3 rbajja' u 12-il ħabba.

Fost ħwejjeġ oħra li hemm fin-nefqa li semmejna, insibu l-ewwel ħlas ta' 20 skud fis-sena tal-kera ta' mezzanin, biex fih iqiegħdu u jerfgħu l-kotba stampati li ma jinbigħux; 50 skud li taw lill-pittur Ċensu Pace, talli hejja d-disinji tal-"Malta Illustrata"; 15-il skud lill-Konti Ciantar, biex iħallas id-disinn tal-pjanċa tal-frontispizju ta' l-imsemmi ktieb; 30 skud, 4 rbajja' u 10 ħabbiet lil Nastas di Candia, biex ġibed 8100 stampa tagħha; 7 skudi u 11-il ħabba biex għamlu 32 ittra griegi għaliha; u 429 skud, 4 rbajja' u 5 ħabbiet għat-Torkju l-ġdid.

Billi fuq dan it-Torkju ma sibniex tagħrif sewwa dwaru, ma nistgħux ingħidu jekk dana kienx xi ieħor, inkella jekk in-nefqa li semmejna kenitx għal dak l-istess Torkju li sar fl-1769. Biss nafu li fih ħadmu l-brunżar Mikiel Morello, il-mastrudaxxa Ġużè Sacchett u l-ħaddied Baskal Borg.

Għalkemm fil-kotba ta' l-Istamperija ma hemm xejn x'juri kif kienet sewwa l-biċċa dwar il-"Malta Illustrata" tal-Konti Ciantar, iżda minn kif nistgħu naqbdu, ikollna ngħidu li dal-ktieb aktarx li ġie stampat bi ftehim bejn Ciantar u Alessandri, xorta waħda bħal dak li sar meta għamlu l-"Ħajja tal-Madonna" ta' l-istess kittieb.

Ġagħalna naħsbu hekk mhux biss għax fil-kotba ta' l-Istamperija ma hemm imniżżel ebda nefqa ta' kemm swiet, jew kemm daħħlet għall-istampar tagħha, imma wkoll għax insibu, bħalma wrejna, li lil Ciantar minn fuq tawh xi flus biex iħallas għal xi disinji li kien ordna hu. Terġa', meta tlestiet bdiet tinbiegħ ak-kont ta' l-Istamperija, xorta waħda bħall-"Ħajja tal-Madonna"—ħaġa li turi u twettaq li l-"Malta Illustrata" nħadmet b'dak il-ftehim li iżjed 'il fuq semmejna.

Mela, minn dan li għidna, nieħdu li l-waħdanija ħtija li ma stampawx wisq kotba kbar fi żmien l-Ordni, mhux għax dawn iqumu bosta flus, imma minħabba l-ħafna nuqqas ta' qarrejja li kien hawn, u għalhekk jibqgħu f'wiċċ min jiktibhom, billi ma jinbigħux.

Għal din il-biċċa li semmejna—u għal dina biss—ftit kienu dawk li tħajru jittarrfu biex jistampaw kotba kbar akkont tagħhom.

Għad illi l-"Malta Illustrata" nbdiet mill-Istampatur Dun Nikol Capaci, u daħlilha sewwa fix-xogħol tagħha, dan ma kellux ix-xorti jaraha mhejjija minn kollox, minħabba li sa ngħidu.

Capaci fettillu jikteb kummiedja kollha ċajt u daħk. Fiha ma semma lil ħadd. Iżda, kif Dun Nikol stess qal lil waħda mara bejjiegħa l-kotba, in-nies li semma f'dina l-kummiedja, ried igħid għal Fra Ġwann Battista Mallia u għal Dun Saver Pace—żewġ impjegati fl-Istamperija.

Capaci silef il-kummiedja lil qassis ieħor, jismu Dun Nikol Savona. Dana, mingħajr ma kien jaf x'fiha u ma fiihiex, bla ebda ħsieb ta' xejn, telaqha f'idejn wieħed mill-impjegati li semmejna. Dawn bagħtuha malajr għand il-Gran Mastru, fil-waqt li xlew lil Capaci li kiteb kontra tagħhom.

Fil-21 ta' Marzu, 1772, il-Gran Mastru bagħat il-Mastru Skudier u lill-Fiskal tal-Qorti (l-Attorney General ta' dari) għand Capaci, biex jeħdulu l-manuskritti kollha li kellu f'idejh. Fil-waqt li kienet qed issir dil-biċċa li semmejna, fl-Istamperija jasal Dun Nikol Savona, fejn beda jeħodha u jgħajjar bi kliem iebes lil Dun Saver Pace, talli ssellfu l-kummiedja mingħandu u tawha f'idejn il-Gran Mastru. Fuq hekk xlew lilu wkoll quddiem Pintu.

Lil Savona qabduh u ħaduh il-ħabs tal-Birgu, billi dan kien suddittu ta' l-Isqof. Iżda lil Dun Nikol Capaci, billi kien jagħmel minnu l-Ordni, tefgħuh fil-Forti Manoel, fejn żammewh magħlup hemm. sakemm fit-12 ta' Awissu, 1772, bewċuh minn hawn u tellquh lejn artu, Katanja.

Capaci baqa' fl-impieg ma' l-Ordni, bħala Stampatur, sal-20 ta' Marzu, billi l-għada, bħalma għidna, safa' arrestat. Fiż-żmien li dam fil-Forti Manoel, il-Gran Mastru għaddielu 4 rbajja' kuljum għall-ħajja (17).

Fl-imsemmija taqliba li saret, il-ħaddiema reġgħu żdiedu kollha xi ħaġa fil-ħlas. Min ħa skud, min ħa żewġ skudi u min aktar fix-xahar. Issa, barra Mallia, insibu tmienja oħra minnies jaħdmu fl-Istamperija, li l-ħlas tagħhom ma' tul is-sena, tela' 1282 skud u 6 rbajja'.

Meta tkeċċa Capaci, l-ewwel volum tal-"Malta Illustrata" ta' Ciantar ma kienx fadallu wisq biex jithejja għal kollox. Fost il-ħwejjeġ li kienu jonqsu, irridu nsemmu l-frontispizju. Għalhekk, malli laħaq Mallia, dan għamlu b'ismu.

---

17. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2053, u Mss. Bibl. 1146, vol. 2.

Wasalna biex sejjisna kliemna dwar dak kollu li hawn fuq għidna, minħabba tagħrifa żgħira, iżda ta' fejda, li sibna fil-vol. 2053 ta' l-Arkivju ta' l-Ordni. Mill-bqija, fil-kotba ta' l-Istamperija ma hemm xejn aktar x'juri meta bdew jistampaw il-ktieb tal-Konti Ciantar, jew meta spiċċawh.

L-imsemmija tagħrifa tgħid li, fis-27 ta' April, 1772, ħallsu 9 skudi f'legatura tal-ktieb "Malta Illustrata" li taw lill-Gran Mastru. Mela, billi lil Capaci arrestawh fil-21 ta' Marzu, jiġi li l-"Malta Illustrata" sa 38 ġurnata wara li dan tkeċċa, kienet hekk imwassla fit-tmiem tagħha, li sas-27 ta' April, setgħu jillegaw minnha wkoll. Għax ktieb kbir bħal dan, li fih 813-il paġna, flimkien ma' 26 oħra ta' l-Indiċi, ma jistax ikun li jlaħħqu miegħu u jistampawh fiż-żmien qasir ta' 38 ġurnata li semmejna.

Minn hekk kellna niġbdu u ngħidu li x-xogħol fih inbeda ħafna qabel ma Mallia laħaq Stampatur ta' l-Ordni, flok Capaci.

L-ewwel volum iġib li sar fl-1772, waqt li t-tieni, billi nħadem tmien snin wara, fih l-1780. Fost in-nefqa li saret fl-1772, insibu li ħallsu 19-il skud u 6 rbajja' għat-tiratura ta' 5,200 stampa għall-"Malta Illustrata"; 93 skud, irbigħi u 5 ħabbiet f'tiswija fit-Torkju u fi ħwejjeġ oħra meħtieġa għalih; lill-Pittur Ċensu Pace tawh 200 skud akkont tax-xogħol tiegħu fil-pjanċi tal-"Malta Illustrata"; u 16-il skud biex illegaw 16-il volum minnha, barra minn skud u 5 rbajja' oħra biex xtraw il-balċamina għalihom.

Fl-istampi li hemm fl-ewwel volum tal-"Malta Illustrata", la jissemma min iddisinjahom u lanqas min inċiżahom; iżda, milli għidna hawn fuq, nistgħu naqbdu li fix-xogħol tagħhom kien imdaħħal il-Pittur Malti Ċensu Pace.

L-ewwel volum kien jinbiegħ 6 skudi. It-tieni, li sar fl-1780, sewa 4 skudi.

Bħalma rajna, il-legatura għall-Gran Mastru qamet ħafna (9 skudi), billi saritlu b'bosta disinji sbieħ u kollha deheb. Ingħidu aħna, bħal x'uħud minn dawk il-kotba li hemm f'xi "show-cases" il-Biblјoteka, b'turija għas-sbuħija tal-legatura tagħhom.

Għalkemm il-"Malta Illustrata" hu ktieb sabiħ ħafna dwar ġrajjietna, b'danakollu xortih kienet xorta waħda bħal ħutu l-oħra ta' dik il-ħabta, billi baqa' ma mexiex, minħabba nuqqas ta' qarrejja li jixtruh. Ara kemm hu hekk. Sa l-1840 kien għad fadal xi ftit minnu fl-Istamperija tal-Gvern. U dan meta, fi żmien l-Ingli-

żi, biex jinbiegħ, għamluh 3 xelini u 4 soldi ż-żewġ volumi, li jiġu inqas minn nofs li kien jiswa fil-bidu tal-ħruġ tiegħu.

Fit-23 ta' Jannar, 1773, miet il-Gran Mastru Pintu. Floku laħaq Ximenes. Dan neħħa l-arma ta' Pintu minn fuq it-Torkju u għamel tiegħu. Madankollu, dil-biċċa kienet tingħamel kull darba li jsir Gran Mastru ġdid, billi wieħed ineħħi ta' l-ieħor.

Fis-sena li semmejna, insibu li stampaw, akkont ta' l-Istamperija, fit-Torkju tal-pjanċi, 30 Serje tal-Gran Mastri kollha. Is-siwi tagħhom kien ta' 10 skudi kull kollezzjoni.

Fost in-nefqa li saret għaż-żamma ta' l-Istamperija, hemm skud, 7 rbajja' u 10 ħabbiet li taw lil Nastas di Candia, għall-ġbid li għamel, barra l-ħin tiegħu, ta' 432 stampa tal-"Malta Illustrata", u 300 skud lill-werrieta tal-mejjet Kanċellier tal-Bolla Kruċjata, Ġużè Prevoust, fil-ħidma ta' bosta snin li għamel għall-qadi ta' l-Istamperija. Dal-ħlas sar b'Degriet tal-Gran Mastru.

Billi fl-1774 naqas ix-xogħol, fl-aħħar ta' April, bagħtu lil Pawlu Calleja, Ċikku Arnaud, Ċikku Zahra u Ġużè Said. Baqgħu Mallia, Dun Saver Pace, Fedrek Vella, Nastas di Candia u Nikol Cutajar. Iżda, billi fis-sena ta' wara żdiedet il-ħidma, barra Arnaud, li daħal għal xi ftit jiem, it-tlieta l-oħra qabbduhom jaħdmu mill-ġdid. B'danakollu l-ħlas ta' l-impjegati, ma' tul is-sena li semmejna, niżel sa 784 skud u 6 rbajja', billi x'uħud daħlu mhux mal-bidu ta' Jannar, imma xi xhur wara.

Fejn kienet l-istamperija, inħass li l-post hu ċkejken għaliha. Fuq hekk, meta fl-1775 laħaq Rohan bi Gran Mastru, ordna li din tittieħed f'band'oħra. Fejn marret ma sibniex. Fil-kotba ta' l-Istamperija tniżżel biss li ntefqu 2 skudi, 5 rbajja' u 12-il ħabba fil-ġarr tagħha [18]. Iżda dak li ma jsemmux dawn, igħarrafhulna l-kittieb Malti d'Avolas. Dan igħid li Rohan kien li kabbar u għana l-Istamperija ta' l-Ordni, waqt li għamilha f'waħda mill-btieħi tal-Palazz tiegħu [19].

Mela, minn kif nistgħu naqbdu, minn dak li jgħarraf d'Avolas, nieħdu li din ħaduha x'aktarx f'dak il-post fejn narawha l-lum. Fl-1776, lil Mallia u lil di Candia, bdew jagħtuhom 12-il skud oħra fis-sena kull wieħed, ta xi xogħol barrani li jagħmlu. U dan b'ordni ta' Gran Pirjol ta' San Ġwann.

---

18. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2056.

19. Christoforo d'Avolas, *Tableau historique, physique et moral de Malte et de ses habitants...* Paris, 1822, vol. I, p. 26.

Minn kif insibu fil-kotba ta' l-Istamperija (vol. 2058), nieħdu li d-disinji tal-pjanċi kienu jsiru mill-Pittur Pace u l-inċiżjonijiet minn wieħed jismu Nikola. Iżda jidher ukoll, li dan l-inċiżur, fl-1776, jew marad, inkella miet. Għax il-ħlas ta' xi xogħol li laħaq għamel, tħallas lil ommu. Wara, id-disinji bdew jinbagħtu f'Palermu, biex fuqhom issir l-inċiżjoni.

Il-ħidma fl-Istamperija daqqa bdiet tonqos u waqtiet tiżdied. Fuq hekk, fl-1777, reġgħu qabbdu xi nies, fosthom baħri ta' fuq ix-xwieni u suldat franċiż jismu Pir. Lil min tawh 4 rbajja' kuljum u lil min 4 rbajja' u 5 ħabbiet. Mill-1 ta' Diċembru, 1778, il-ħaddiema tal-fiss fl-Istamperija reġgħu żdiedu min skud u min 6 rbajja'. L-aktar li kellhom ħlas kienu : Mallia b'16-il skud fix-xahar, it-Turkulier Vella 15 u di Candia 13. Terġa' barra dan il-ħlas, kemm Mallia u kemm di Candia, baqgħu jieħdu wkoll dawk it-12-il skud li iżjed 'il fuq semmejna.

Fis-sena ta' l-1778 ġiebu karattru ġdid minn Franza, aktarx biex jinqdew bih għall-kotba bil-franċiż (20).

Band'oħra għidna, li xi drabi lanqas ma kienu jniżżlu dawk il-ħwejjeġ li l-Istamperija taħdem għaliha. Ma' dawk li semmejna, irridu nżidu ktieb żgħir ta' 60 paġna, barra minn VIII oħra tal-bidu, jismu : "Dissertazione di S. Pubblio Martire..." minn G.G.T., li jfissru Ġużè Ġakbu Testaferrata. Dan ġie stampat fl-1779, iżda ma xxandarx għajr fl-1779 (21).

Għidna li dana l-ktieb inħadem għall-Istamperija, billi sibna li meta tbiegħ xi wieħed, kien jitniżżel fil-kotba tagħha mal-flus l-oħra li ddaħħal.

Mill-1779, il-ħlas li kienu jagħtu lil Alessandri, bħala Suprintendent ta' l-Istamperija, ma baqax jitniżżel fil-kotba ta' din, iżda f'dawk tal-Bolla Kruċjata. Lilu, dan l-aħħar kienu qed jagħtuh 70 skud fis-sena; iżda, mill-1779, għamluhomlu 200 skud, għall-ħsieb tiegħu fl-Istamperija u l-Bolla Kruċjata. Wara xi snin, fl-1787, żiduhomlu sa 240.

Fl-1780, bl-ordni ta' l-Isqof Labini, ġiet stampata d-Duttriktieb bil-għażiż Ilsienna li ra d-dawl f'Malta, mill-Istamperija ta' l-Ordni. Sewa 92 skud, 5 rbajja' u 5 ħabbiet. Dal-ktieb, qabel,

20. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2059.

21. Schembri, "Selva di Autori e Traduttori Maltesi", Malta, 1855, paġ. 34.

stampawh darbtejn oħra f'Ruma: fl-1752, għand l-istampatur Salamoni; u fl-1768, għand Arkanġlu Casaletti. Inġieb mit-taljan għall-Malti, minn Dun Franġisk Wuzzinu, bl-ordni ta' l-Isqof Fra Pawlu Alpheran, u li għall-istampa tiegħu ħallas hu.

Hawn Malta, barra minn dik li deħret fl-1780, ħarġet tliet darbiet oħra wara mill-Istamperija tas-Sultan: fl-1786, fl-1789 u fl-1795. Iżda, kemm swiet biex stampawha, fis-snin li semmejna, ma nistgħux ingħidu, minħabba nuqqas ta' kotba fl-Arkivju ta' l-Ordni.

Kotba oħra bil-Malti ma sibniex għajr wieħed ieħor biss ta' 16-il paġna żgħar, li jiswa biex dak li jkun jinqeda bih għaż-żjajjar tal-Vija Sagra. Iżda dan la jgħid min kitbu, lanqas min qalbu fi Lsienna mit-taljan. Biss fih li ħareġ f'Malta, fl-1796, bis-sensja tas-Superjuri (22).

F'nofs is-sena ta' l-1782, lestew mill-istampa l-"Codice del Sacro Militare Ordine Gerosolimitano", li ġie mgħoddi f'Kapitlu Ġenerali li sar fl-1776. Dan hu ktieb ta' ma' dwar 520 paġni kbar.

Għal dina l-biċċa xogħol li saret, l-Imgħallmin u l-ħaddiema ta' l-Istamperija tawhom, fil-25 ta' Ġunju, 150 skud barranin, biex jinqasmu bejniethom, bl-ordni tal-Gran Mastru. Il-flus tħallsu mid-dħul tal-Bolla Kruċjata.

F'Jannar tas-sena li semmejna l-impjegati kienu dawn: Fra Ġwann Mallia, b'16-il skud fix-xahar; Dun Saver Pace, 12; Fedrek Vella, 15, Nastas di Candia, 13; Ċikku Zahra, 9; P. Calleja, 8 u nofs; G. Said, 9 u nofs; u V. Micallef, 8.

Lil Mallia u di Candia baqgħu jagħtuhom ukoll it-12-il skud l-oħra fis-sena kull wieħed. Terġa', ieħor barrani, bla ma jingħad x'jismu, tawh 104 skudi, 8 rbajja' u 5 ħabbiet, billi ħaddmuh is-sena kollha, bl-4 skudi u 5 ħabbiet ta' kull jum li għamel.

Dawk il-kotba li jitħaddfu fuq l-Istamperija bejn l-1782 u l-1791, aktarx li huma mitlufa, billi jinsabu neqsin mill-Arkivju ta' l-Ordni. Tassew li fil-kotba tal-Bolla Kruċjata hemm xi tagħrif fuq l-Istamperija; iżda ħjiel żgħir nistgħu nieħdu minnhom dwar il-ħidma tagħha fiż-żmien li semmejna. Biss ingħidu li ebda darba ma kellha qligħ fix-xogħol li għamlet, billi l-ħruġ għaleb dejjem id-dħul minnha.

22. Dal-ktieb jinsab għand il-ħabrieki President tagħna, it-Tabib Kavalier Ġużè Galea, fil-Kollezzjoni tiegħu, u li għoġbu jislifulna biex naraw.

Il-kotba li fadal fl-Arkivju, wara n-nuqqas tas-snin li ġibna, jerġgħu jibdew minn Frar ta' l-1791. F'dis-sena stampaw ktieb bil-franċiż dwar Gżiritna, tal-Kavalier De Saint-Priest, jismu: "Malthe par un voyageur françois". Għamlulu wkoll kummiedja bil-franċiż: "La Rupe de Seucase", u oħra bit-taljan u l-franċiż: "Ebe, Sceña Lirica". In-nefqa ta' kollox telgħet 331 skud, irbigħejn u 10 ħabbiet li minnhom Saint-Priest ma ħallas xejn. Għallinqas hekk jidher mill-Kotba ta' l-Istamperija, billi f'dawn ma hemmx imniżżel li daħħlet xi ħaġa tagħhom. Mhux biss. Imma fin-nefqa li għamlet insibu wkoll li ħallset 5 skudi lill-imgħallem Zimelli ta' l-inċiżjoni ta' *ħdax-il ittra* li ħadem għall-imsemmi ktieb.

X'uħud mill-inċiżonijiet li fih, iġibu li huma xogħol ta' Sebastjan Ittar. Iżda dawn ma sibniex min ħallashom.

Dan il-ktieb, għadilli hu żgħir, billi ma fihx aktar minn 175 paġna ta' daqs ċkejken, waħdu biss sewa l-għadd sabiħ ta' 306 skudi. B'danakollu, l-istampar tiegħu b'xejn mill-Ordni, jissokta jwettaq dak li dejjem ħaqqaqna aħna, ma' tul dil-kitba tagħna, meta għidna li ma ħarġux wisq kotba f'Malta, mhux minħabba l-għoli fin-nefqa tagħhom; iżda l-waħdanija ħtija li fixklithom kienet biss in-nuqqas ta' qarrejja. Għax, għalkemm l-Ordni ġie li stampa kotba bla flus, hi ħaġa minn ewl-id-dinja li, dil-biċċa, mhux sa joqgħod jagħmilha ma' kull min ifettillu jikteb. Fuq hekk, meta l-kittieba kienu jaraw li, flok ma wieħed idaħħal xi ħaġa, biex jifdi t-taħbit ta' xogħlu, minn fuq ikollu joħroġ minn butu, x'uħud għażlu li ma jindaħlux jistampaw il-kitba tagħhom biex din wara tibqa' ma' wiċċhom.

F'Diċembru ta' l-1793, miet is-Suprintendent ta' l-Istamperija, Alessandri. Floku laħaq, mal-bidu ta' l-1794, Malti ieħor, Fra Anġ Grognet (23).

Wara s-snin li semmejna, nerġgħu naqgħu biex insibu battal kbir ieħor fl-Arkivju ta' l-Ordni, dwar l-Istampa f'Malta. Għax l-aħħar volum li hemm jasal biss li jġib il-kont li jagħlaq f'Jannar, 1794. Minnu nieħdu li l-impjegati fl-Istamperija baqgħu sitta: Fra Ġwann Mallia, Stampatur; il-Kan. Dun Saver Pace, Kompożitur, Fedrek Vella, l-ewwel Turkulier; Nastas di Candia,

23. Ark. ta' l-Ordni, vol. 2065.

it-tieni Turkulier; u Ġużè Said u Mikiel Galea, li aktarx kienu jaħdmu fit-Torkji wkoll.

Il-kotba ta' l-Istamperija baqgħu jinżammu sa kemm dam l-Ordni hawn, kif jidher mill-oħrajn tal-Bolla Kruċjata. Iżda dawn intilfu, u għalhekk jinsabu nieqsa, bħal dawk ta' bejn l-1782 u l-1791, li semmejna iżjed lura.

Mill-kotba tal-Bolla Kruċjata, ftit, wisq ftit, nistgħu nieħdu tagħrif dwar l-Istamperija, billi ma jġibux għajr kemm din ħarġet u x'daħħlet biss. Minnhom nieħdu li baqa' dejjem ikollha t-telf, fil-ħidma tagħha, bħalma, tista' tgħid, fis-snin l-oħra kollha ta' qabel.

Dan it-tagħrif ta' hawn fuq kien l-aħħar li ksibna, u għalhekk bih sa nagħalqu did-dgħajfa kitba tagħna. Biss, qabel irridu nistqarru u nagħarfu li, għalkemm ħabrikna ħafna fit-tiftix li għamilna, biex nagħtu ħaġa sewwa u sħiħa, nibżgħu li ħsiebna ma rnexxiex għal kollox, billi dax-xogħol għamilnieh waħedna u bla ebda ħjiel ta' għajnuna minn ħadd, waqt li xi drabi sibna wkoll ruħna naqdfu fi dlam magħqud, li tista' taqtgħu b'sikkina. Għal dan, iżda, nittamaw li l-qarrejja jagħdruna u jaħfrulna għal xi battal li stajna ħallejna warajna. U b'hekk intemmu dil-ġrajja dwar l-Istampa f'Malta, fiż-żmien li l-kbir u mfaħħar Ordni Ġerosolimitan dam jaħkem u jsaltan fil-maħbuba u għażiża gżira tagħna.


## AVVIŻ LILL-IMSEĦBIN

**L-Amministrazzjoni tgħarraf lil dawk l-Imseħbin li qegħdin lura fil-ħlas ta' l-abbonament tagħhom biex jaġġornaw mill-aktar fis il-kont tagħhom jekk iridu jibqa' jaslilhom "IL-MALTI". Min joqgħod lura fil-ħlas jista' jkollu r-rivista mwaqqfa.**